

**TAGĦRIF...** *Nies Magħrufa Karkarisi*

# Dun Perin Pietrus Borg
## (1709-1877)

Twieled minn Giovanni u Duminka née Gatt fl-24 ta' Frar ta' l-1709 twelid Peitrus.

Barra minn Perinus il-familja Borg kellhom żewġt aħwa bniet, Marija, li saret soru fl-Ordni ta' San Duminku u Anna li baqgħet xebba.

Dun Perin laħaq Kanonku fl-aħħar żminijiet li kienet tiffunzjona l-Knisja l-qadima bħala Kolleġġjata u fil-bidu tal-Knisja l-Ġdida.

Kien il-Kanonku antikwijur jew Dekan tal-Kolleġġjata ta' Santa Liena, imma b'xorti ħażina fis-16 t'Awissu 1750 waqt li kien fuq l-armar tal-Knisja il-Ġdida illi kellha tkun il-Bażilika Kolleġġjata, Sant'Elena, Dun Perin waqa' u tilef idu l-leminija. Huwa xorta waħda baqa' jattendi għall-Kor imma ma setax iqaddes. Aktar tard xtaq iwaqqaf fundazzjoni ġdida biex f'din il-Kolleġġjata iżid in-numru tal-Kanonċi.

Dun Perin miet fid-dar tiegħu fl-24 ta' Settembru 1877 fl-età avvanzata ta' tmenin sena; wara li qerr u rċieva l-vjatku u l-Griżma tal-Morda minn idejn il-Kan. Prep. Dun Ġwann Xuereb. Fis-sagristija tal-Kolleġġjata tagħna għandna l-pittura ta' Dun Perin b'idu l-leminija nieqsa. Il-pittura saret minn LAZERO PISANI.

*Kav. Frank Borda Vassallo*

**NOTA EDITORJALI:**

F'isem il-Kumitat, Soċi tal-Każin Santa Liena Banda Duke of Connaught, il-Bord Editorjali jixtieq jirringrazzja b'mod speċjali lill-Kav. Frank Borda Vassallo ta' l-interess minn jeddu fil-kitba tal-programmi tagħna. J'Alla jkun hawn ħafna oħrajn bħall-Kav. Borda Vassallo.

*PROSIT U GRAZZI.*

